MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Numru. 1217/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann Fenech**

**VS**

**Silvano Fenech, iben Carmelo u Antoinette nee' Farrugia, imwieled Tal Pieta' nhar il-15 ta' Jannar, 1987, residenti fil-fond numru 111, Triq San Pawl, Marsa, u detentur tal-karta tal-identita' numru 53387M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Silvano Fenech** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-18 ta' Novembru, 2012 u fil-gimghat ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu eslussiv tieghu;
2. U aktar talli kellu fil-pusess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli kkommetta l-imsemmija reati fi jew gewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh skont l-Artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-eventwali Kontro Ordni ai termini tal-Artikolu 31 tal-istess Kapitolu.

Rat illi l-imputat, fl-interrogatorju, wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet it-trattazzjonijiet u kkunsidrat:

Illi xehed l-**Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Johann Fenech** dwar l-operazzjoni li wasslet ghall-arrest tal-imputat, li fiha ppartecipaw ufficjali tal-pulizija. Aktar tard anke ddeponew fil-kawza li waslu ghall-arrest u tfittxija fuq il-persuna tal-istess imputat fil-vettura tieghu, u r-residenza tieghu.
Dak illi fil-fatt kien partecipanti hu personalment fih kien illi ha l-istqarrija tal-imputat, li kif kien drittu fiha baqa' sieket. Anke ghazel illi ma jiffirmax l-istess. L-Ispettur prezenta l-istqarrija bhala Dok JF1. Bhala Dok JF prezenta wkoll pitazz misjub ghand l-imputat, li fuqu - kif fil-fatt irrizulta (ara folio 175), hemm imnizzla ismijiet ta' nies b'numri hdejhom.

Xehdu l-pulizija responsabbli ghall-qbid ta' Silvano Fenech.

**PS 579 Antoine Micallef** qal illi fit-18 ta' Novembru, 2012, ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar, kif hareg Silvano Fenech mir-residenza tieghu - 111, Triq San Pawl, il-Marsa, kif kien ser jirkeb fil-vettura BBX026 Volkswagen Golf, gie mwaqqaf mill-pulizija. F'halqu kellu joint. Gew elevati mill-vettura tieghu tliet (3) bicciet suspettati raza tal-cannabis. Mir-residenza msemmija nstabu fuq tieqa bicca raza mhux tal-istess qies, u zewg pakketti libretti. Mill-cupboard, go tazza, instabu bicctejn raza tal-cannabis. Ukoll minn go kexxun, go basket tal-Pull & Bear, instabu tnejn u ghoxrin (22) bicca raza tal-cannabis. Minn kexxun iehor instabu bicctejn ohra tal-istess sustanza. Elevaw ukoll, skont dan ix-xhud, sikkina kbira mahruqa, borza bi trab abjad, borza bi trab kannella, crusher u

pitazz b’xi numri u ismijiet. Mill-vettura giet elevata wkoll kaxxa tas-CDs li kien fiha tracci ta’ trab abjad.
In kontro ezami wiegeb u qabel illi meta waqqaf lill-imputat, dan f’halqu kellu joint. Dwar it-tliet (3) bicciet misjuba fil-vettura tal-imputat, dwar jekk dawn kinux jintuzaw biex isir “roach”, wiegeb illi dawn kienu fil-fatt zghar ghal dan l-uzu. Ikkonferma li Silvano kien ikkopera biex saret is-search fil-vettura tieghu, anke fil-konfront tat-tfittxija li saret fir-residenza tieghu. Ikkonferma wkoll illi t-tnejn u ghoxrin (22) bicca misjuba fid-dar kienu maqtughin f’forma ta’ swaba, mhux blokka shiha. Ma ftakarx Silvano kinx ammetta maghom tipjip ta’ cannabis gurnaljier, pero kkonferma li dwar it-tnejn u ghoxrin (22) bicca, Silvano kien qallhom li kienu tieghu.
Ma ftakarx dwar il-pitazz l-ispjegazzjoni li kien tahom Silvano, u cioe’ li dawk kienu flejjes dovuti ghal xoghol ta’ tibjid.

**<u>PS 1086 Johann Micallef</u>** ukoll involut fit-tfittxija, ikkonferma t-tfittxija fid-data u hin indikati mix-xhud precedenti, kif ukoll li Fenech gie mwaqqaf hdejn il-vettura BBX026. F’idu kellu joint. Ikkonferma s-sejba fil-vettura ta’ cover ta’ CD li kellha tracci bojod fuqha, kif ukoll is-sejba ta’ tliet (3) bicciet blokok wara l-hand break. Xehed fuq it-tfittxija fir-residenza minn fejn instabu u gew elevati minn fuq hogor ta’ tieqa bicca blokka suspettata cannabis u zewg pakketti libretti. Mill-cupboard tal-kcina go tazza tal-hgieg, instabu zewg blokok ohra. Qal ukoll illi nstabu f’kexxun tal-kcina, terga’ zewg blokok ohra suspettati cannabis; flimkien ma’ zewg pipi zghar, kif ukoll crusher go basket li kien jikkontjeni tnejn u ghoxrin (22) bicca blokka kannella suspettata raza tal-cannabis.

In kontro ezami kkonferma li meta twaqqaf l-imputat dan kellu roach f'halqu. Qal illi PS 579 hadlu dan, indikawlu li kienu pulizija, tawh it-twissija u bdew bis-search. Qal dwar l-oggetti elevati mill-vettura, li Silvano mill-ewwel qallhom illi kienu tieghu, hlief ghal CD. Qal illi kien l-istess imputat illi hadhom fir-residenza tieghu. Ghalkemm fethu huma minghajr diffikultajiet, qabel illi l-imputat ikkopera mal-pulizija. Qabel illi d-droga elevata mir-residenza kienet inferrxa, pero ma ftakarx illi dwar din id-droga misjuba fid-dar Silvano qallhom illi kienet tieghu, li kien juza l-canabis kontinwament. Fuq insistenza tad-Difiza, qabel illi d-droga misjuba kienet imferrxa. Ftakar illi mieghu bdew jitkellmu fuq il-fond u kera, mhux fuq id-droga, ghax Silvano ma kienx ghadu qalilhom riedx ikellem avukat.

Minn naha tieghu **PS 239 Joseph Caruana** bhala SOCO, nominat fl-Inkjesta (ezebita a folio 22), ezebixxa wiehed u ghoxrin (21) ritratt li ha fuq ix-xena, Dok JC (folio 105).

**PS 198 Arthur Debattista**, ukoll nominat bhala SOCO, eleva minn fuq il-post diversi dokumenti li sussegwentement gew mghoddija lill-Ispizjar Mario Mifsud (vide dokument AD, folio 46).

L-**Ispizjar Mario Mifsud**, nominat ghal dan l-iskop, ghamel l-analizi tal-ezebiti u ta l-valur tad-droga misjuba.
Ikkonkluda:

a. "*Illi ma nstabux sustanzi llegali f'pajp zghir ta' lewn iswed li kien hemm fid-dokument 339/12/06 u fit-trab ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 399/12/09;*

b. *Illi fuq kaxxa tal-plastic ta' CD li kien hemm fid-dokument 339/12/01 u f'pajp ta' lewn iswed li kien hemm fid-dokument 339/12/06 instabu tracci tas-sustanza kokaina. Is-sustanza kokaina hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

c. *Illi nstabu tracci tas-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) f'joint uzat illi kien hemm fid-dokument 339/12/03, fi crusher tal-cannabis li kien hemm fid-dokument 339/12/07 u fuq ix-xafra tas-sikkina li kien hemm fid-dokument 339/12/10;*

d. *Illi t-tliet bicciet ta' sustanza ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 339/12/02, it-tnejn u ghoxrin bicca ta' sustanza ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 339/12/04, iz-zewg bicciet ta' sustanza ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 339/12/05 u 339/12/06 rispettivament, u l-bicca ta' sustanza ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 339/12/08 kienu kollha raza tal-pjanta tal-cannabis. Il-piz nett totali tal-bicciet ta' sustanza (30 bicca) ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument kollha kien ta' 154.61 grammi, u l-purita' medja kienet ta' circa 08.6%. Fis-sustanzi ta' lewn kannella instabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Ir-raza tal-cannabis hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

e. *Illi l-prezz bl-immnut tar-raza tal-cannabis misjuba, 154.61 grammi, skont ir-rapport "2008 – 2010 National Report to the EMCDDA by the Reitox National Focal*

*Point, Malta – New developments trends and in-depth information on selected issued" kien ta' €2,628.*"

**Dr Martin Bajada**, fid-dokument MB (folio 55 et seq), hadem l-analizi taz-zewg cellulari elevati minghand l-imputat, Dok MB1 Nokia 1280, u Dok MB2 Samsung GF19300. Saljenti l-messaggi misjuba fuq dawn ic-cellulari.

Il-Perit Vincent Ciliberti gie nominat minhabba l-aggravju tad-distanza tal-mitt (100) metru fir-relazzjoni tieghu, ikkonkluda li:

"*……fejn jirrizulta li l-fond kummerjali bl-isem St Paul's Bar jaqa' gewwa distanza ta' mitt metru (100m) mill-parametru kif indikat fil-pjanta mmarkata.*"
(Vide Dok VC folio 162)

Dr John Seychell Navarro ezebixxa 'l hekk imsejjah compodium tal-assi tal-imputat, Dok SF/JSN. Ikkonkluda fih illi l-imputat kellu f'kont bankarju mal-Bank of Valletta fl-ammont ta' tminn Ewro u disgha u sittin centezmu (€8.69), dan kien savings account; illi ma kellu ebda fond jew vettura registrati fuq ismu; illi ma kinx jircievi ebda assistenza socjali u lanqas ma kien jahdem mis-16 ta' Novembru, 2012. Kellu kontijet inattivi, bilanci dovuti lil Melita plc. Ma kellu ebda vettura registrata fuq ismu. Kellu wkoll bilanc zghir dovut mal-Vodafone Ltd. Il-qliegh tieghu dikjarat mis-sena 2003 sas-sena 2012 kien ta' erba' mija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm478.00); elf mitejn u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm1,244); hamest elef erba' mija u seba' liri Maltin (Lm5,407); erbat elef sitt mija u erbgha u sittin lira Maltin (Lm4,664.00); elf u tmienja u sittin lira Maltin (Lm1,068.00); elfejn u hamsa u tletin lira Maltin (Lm2,035.00); tnejn u

disghin Ewro (€92); erba' mija u disgha u disghin Ewro (€499); elfejn mitejn, tlieta u sebghin Ewro (€2,273) u tmienja u tmemin Ewro (€88).

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni l-imputat ghazel illi jiehu l-pedana.
Xehed illi hu kien misjub mill-pulizija b'joint f'halqu, u kellu wkoll tliet (3) bicciet fil-karozza ghax kien ipejjep hafna. Ta c-cwievet lill-pulizija biex anke jfittxulu fid-dar, anke tela' maghhom. Ammetta s-sejbien tar-raza fir-residenza tieghu. Qal illi dawn kienu kollha tieghu, joints. Ammetta li l-ezebiti kollha kienu tieghu. Dwar il-crusher, spjega li kien ikisser l-smoke bih. Qal illi kien ipejjep hafna, li kien xtara u li kellu nofs sapuna ghax kien xtraha b'irhis biex ma joqghodx jixtri kuljum. Kien ilu b'dan il-vizzju ghal hames (5) snin. Zied illi d-droga kien ilu li xtraha xi tlitt (3) ijiem, u li dan kollu kien qalu lill-pulizija waqt l-arrest, kif ukoll lill-Ispettur Johann Fenech.

Ammetta illi s-CD bi trab abjad kienet tieghu wkoll; anke li tkellem maghhom fuq kemm kien ipejjep haxixa; illi kellu '*habit*' kbir; illi kien ipejjep hafna. Qal illi hu lill-Ufficjal Prosekutur anke qallu li kien xtraha u li kien xtraha b'irhis.

Dwar il-pitazz xehed illi dan kien bilanc ta' flus dovuti minn xi nies lejh ghal xi tibjid. Anke dan qal illi spjegah lill-pulizija. Qal illi pero ma kinx ibajjad ta' kuljum.

Il-borza bi trab kannella qal illi kienet …..

Dwar l-istqarrija qal illi l-Ispettur beda jitkellem mieghu, u li hu beda jkellmu normali. Qal illi qallu qabel l-statement dwar il-'*habit*' qawwi tieghu. Qal illi pero dak il-hin ma kinx qed

johodlu l-istqarrija. Insista li dwar il-'*habit*' kbir qal b'dan lill-Ispettur qabel l-istqarrija.

In kontro ezami wiegeb, meta gie suggerit lilu, illi fil-fatt fl-statement kien ghazel illi ma jwegibx, illi l-vizzju tieghu tant kien ovvju, illi nqabad b'wiehed f'halqu – joint. Zied illi pero, waqt l-istqarrija, ma kinx dak il-hin lest illi jwiegeb. Insista li qal lill-Ispettur li kellu vizzju akut, pero' mhux fl-istqarrija. Insista li arrestawh x'hin kien gol-vettura, mhux diehel fiha, u li t-tliet blokok misjuba fil-vettura kienu tieghu biex ipejjiphom; illi kellu tlieta stante li kien ipejjep hafna.

Mistoqsi ghala l-blokok li kellu d-dar kienu kollha mferrxin, qal illi hekk kien jitfaghhom, li kien xtara nofs sapuna u qattaghha. Ma qattax biss kemm kellu bzonn, qal biex jehles. Qal illi kien xtara bi tlitt mitt Ewro (€300) u li dan in-nofs kien ilu ghandu tlitt (3) ijiem.
Ma qabilx illi t-tipjip ta' tliet (3) blokok kuljum, kif minnu suggerit, kienet doza qawwija. Insista li kienet ghall-uzu tieghu, pero ma ftakarx kemm kien qatta' mill-blokka fi zmien tlitt (3) ijiem li kienet ilha ghandu.
Mistoqsi mill-Qorti fuq it-tibjid wiegeb illi kien ilu jaghmel dan ix-xoghol madwar xi sena, u li forsi kien qala' b'hames mitt Ewro (€500); illi kien bajjad xi tminn (8) kmamar.

**Matthew Fleri Soler** prezenta s-Social Inquiry Report mitlub mid-Difiza.
Hadet konjizzjoni l-Qorti ta' dak hemm imnizzel. Senjalament jidher illi Fenech illum - almenu sat-30 ta' April, 2014, kien nadif mid-droga eroina, kokaina u cannabis. Qatt ma fittex ghajnuna professjonali ghall-vizzju tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi bla dubbju ta’ xejn id-Difiza qieghda tressaq it-tezi (prova dejjem sal-grad tal-probabbli) li l-imputat kellu l-ammont ta’ cannabis ghall-uzu esklussiv tieghu, ghax qal illi kien ipejjep hafna – kwazi kontinwament. Jghid illi kien ipejjep minn dawn l-sticks tlieta (3) kuljum. Ta spjegazzjoni ghala kienu mferrxa ghax hekk kien jitlaqhom; ghala kienu gia’ maqtugha mill-blokka biex isibhom lesti. Qal illi kien xtara s-sapuna tlitt (3) ijiem qabel is-search biex iqatta’ minnha. Hadha b’irhis.

Id-Difiza, kif isir komunement f’dawn il-kawzi, qed targumenta li l-imputat tant kien ivvizzjat illi l-ammont kollu misjub ghandu kien biss ghall-uzu tieghu, ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ikkonsidrat li gie pruvat illi:

L-imputat ma kinx jahdem. Nafu gia’ x’kien il-qliegh tieghu mit-tibjid – circa hames mitt Ewro (€500), dan qalu hu. Xtara d-droga bi tlitt mitt Ewro (€300), anke dan qalu hu. Ma jirrizultax illi kellu x’impjieg iehor, xi tfaddil, xi investimenti, lanqas li jircevi beneficcji socjali.
Tistaqsi allura l-Qorti, dan Silvano Fenech jghix bl-arja? Ghex bir-rimanenti €200.

Dwar il-pitazz misjub qal illi l-ismijiet bin-numri hdejhom kienu dak illi hu kien ghadu dovut fuq it-tibjid. Bir-rispett kollu l-pitazz u n-notamenti fuqu, soliti fl-ambjent tad-droga, jindika biss kummerc wiehed – droga.

Il-Qorti hawn, biex tasal ghall-konkluzjoni o meno ta’ uzu esklussiv, a differenza ta’ dak personali, taghmel referenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-

ismijiet "***Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs Noel Borg***" deciza nhar it-12 ta' Frar, 2009, fejn intqal hekk:
"

*Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f' dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f' dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)*

*Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-*

*unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).*"

(Appell Kriminali Numru 277/2008)

Ikkunsidrat:

Il-fatti, kif esposti, juru differenti mit-tezi proposta mill-imputat. Finanzjarjament l-imputat, bic-cekcik ta' xoghol illi kellu dak iz-zmien, qajla seta' jixtri dak il-konsum kollu tad-droga skondtu, jghix u jiekol almenu! In-notebook skont il-Qorti huwa ferm indikattiv tal-attivita' li biha qed jigi akkuzat, dan biex wiehed ma jsemmix ukoll l-ammont tad-droga misjuba!

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda ssib htija tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu fil-konfront tal-pussess aggravat ta' cannabis u ta' pussess semplici ta' kokaina, u dan wara li rat GN 292/1939 Regola 8; L.S. 101.02 Regola 9; l-Artikolui 8, 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tikkudannah ghalhekk, anke wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u anke wara li rat il-fedina penali tieghu, ghal sentejn u nof habs u multa ta' hamest elef Ewro (€5000).

Dan tenut kont tal-ammont ta' cannabis sticks misjuba ghandu, fit-total tletin (30) bicca, ta' purita' ta' 08.6% u tal-valur bl-immnut ta' elfejn sitt mija u tmienja u ghoxrin Ewro (€2,628) (meta nxtraw tlitt mitt Ewro (€300)), piz ta' 154.64 grammi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga lilha ezebita u mmarkata bhala KB 9.2013 u l-konfiska tac-cellulari kollha ezebiti u mmarkati bhala KA 3.2013.

Tikkundanna lil Silvano Fenech, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi jhallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal elfejn seba' mija u disa' Ewro u disgha u disghin centezmu (€ 2,709.99).

Mhux qed tordna l-konfiska tal-vettura BBX-026 ghax l-unika prova li ngabet hija mill-istqarrija ta' l-imputat, cioe li kienet ta' missier l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------